# MARGARITA

Ftit nies fil-villagg fejn noqghod jien kienu jafu li l-mara kien jisimha Margarita'; il-bqija kienu jsibuha bhala "ix-xwejha."



Kienet tista' tghid ghadma u gilda, tghodd qrib it-tmenin sena u timxi b'pass qasir mghejjuna minn zokk oxhon li kienet tuza bhala bastun. Fit-triq rasha baxxa b'ghajnejna iffisati lejn l-art bhallikieku qed tistenna ssib xi haga fl-art, ma ssellem lil hadd u ta' ftit kliem. Biss min kien isellmilha hija kienet tgholli rasha u bit-tbissima fuq fommha kienet

roddlu t-tislima lura b'vuci baxxa. Ghalkemm kienet tahrab il-kumpannija, in-nies kienu ihobbuha u jghinuha malli turi l-inqas sinjal.

Kienet mill-Messiku u ghala giet tghix fil-villagg fejn noqghod jien, hadd ma kien jaf. Xnighat kemm trid; min izid, min inaqqas, izda wahda persistenti kienet tghid li wara l-mewt ta' zewgha ma riditx tghix aktar fil-kampanja tal-Messiku izda xtaqet tghix fi klima inqas shuna.

Ommi ta' kultant kienet tistaqsieha kelliex bzonn xi haga. Ta' kull nhar ta' Hadd ommi kienet taghmel xi ftit ikel zejjed u tibghatulha mieghi u ma' ohti filwaqt li tavzana li nqeghdulha wara l-bieb wara zewg tahbitiet qosra bil-habbata. Tidher li kienet tiehu pjacir b'dan il-gest ghax kienet troddu lura. Kull nhar t'Erbgha kien kienet taghmel it-tortillas skond l-istil messikan u tigi taghtihomlna.

Kienet tqieghed il-basket mimli tortillas mal-pumi tal-bieb. Minkejja li jiena u ohti konna naghmlu ghassa biex naraw meta tigi qatt ma rnexxilna nilhquha ghaliex dejjem kienet tigi f'hinijiet differenti. Erhilha ommi timlihomlna bil-haxix u laham differenti u f'radda ta' salib innizluhom bla ma jibqa' farka wahda biss.

Lejliet kull Milied niftakaru sew, kienet tahbtilna l-bieb u taghtina kejk imzejjen b'bambin zghir tax-xema li minnhom ghad fadalli xi tlieta merfugha go kexxun. Lili u lil ohti kienet taghtina borza helu li kienet tahdem hi skond it-tradizzjoni ta' pajjizha. Fl-ahhar minn gol-basket hija kienet tohrog kartolina

tal-Milied u tippresentaha lil ommi . Kienet tkun kartolina riciklata minn ohrajn li kienet tircievi minn pajjizha forsi, minghand ohtha ghax tfal ma kelliex. Kienu jghogbuni ghax ma kienux bhalma kont insib nixtri u dejjem tlabt lil ommi biex wara l-Milied tatihomli. Hemm ghandhom fil-kexxun mal-bambini tax-xema.

Kienet is-sena 1992. Lejlet il-Milied kien maghna u Margarita ma gietx bhas-soltu. Minn mohh ommi ghaddha hsieb ikrah izda riedet tistenna ftit iehor. Jekk ma tigix thabbat il-bieb fi zmien nofs siegha ohra ommi kellha tmur hija stess thabbtilha. Ma kelliex sabar tistenna ghax wara kwarta marret b'basket ikel ghand Margarita biex taghtihulha bhala rigal.

Habbtet izda hadd ma irrisponda. Il-qattus ta' Margarita giet jnewwah wara l-bieb. "Tghid gralha xi haga," hasbet ommi. Habbtet aktar bil-qawwa izda kollox baqa' sieket hlief ghat-tinwih tal-qattus. Giet lura d-dar imhassba u qalet lil missieri b'dak li ghaddha minn ghaliha.

Missieri u ommi marru ghand il-pulizija li hadu azzjoni mill-ewwel. Habbtulha bil-qawwa izda ma wegbitx. Ghalhekk zgassawlha l-bieb u x-xena li tirrakonta ommi ma ninsiha qatt.

Hemm sabu lil Margarita b'wiccha u dirghajjha jistriehu fuq il-mejda minghajr ma titharrek. Hdejn rasha kien hemm il-kejk tal-Milied u zewg boroz u kartolina.

Jumejn wara haduha fil-knisja ghall-funeral. In-nies kollha tal-villagg gew biex jaghtuha l-ahhar tislima. Skond l-uzanza tar-rahal, in-nisa kollha tar-rahal ghaddew minn hdejn it-tebut taghha u qeghdulha fjura .

U kliem il-kappillan ghal-omelija taghha ghadu jidwi f'widnejja daqs li kieku ghadni nisimghu dan il-hin:

"Gesu li twieled ghalina sejhilha biex wellidha ghall-premju etern."